MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 391/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**CHRISTIAN SEYCHELL, iben Raymond u Valerie nee' Steel, imwieled Tal-Pieta' nhar it-12 ta' Dicembru, 1992, residenti fil-fond numru 20, Padre Pio, Triq is-Sajjieda, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 1093M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Christian Seychell** li gie akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' Marzu, 2010, ghall-habta ta' bejn is-18.00hrs u s-18.30hrs, gewwa Triq il-Qaliet, Marsascala, ikkaguna

griehi ta' natura hafifa permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuna ta' Rene' Cassar skont kif iccertifika Dr Jesmond Cassar mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid, ai termini tal-Artikoli 217, 221(1)(2), u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, involontarjament ikkaguna hsara f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBL516 ta' ghamla Citreon li tammonta ghal €173.17 ghad-detriment ta' Stephen Conti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (folio 10).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat li fil-konfront tal-ewwel akkuza, cioe' dik prospettata taht l-Artikolu 217, 221, u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, giet registrata ammissjoni. Illi rat f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Rene Cassar li kien qieghed jirrinunzja ghal kull azzjoni fil-konfront tal-imputat – in kwantu jirrizulta biss fil-konfront ta' Cassar griehi ta' natura hafifa, pero l-griehi kkagunati kienu tali kommessi bi strument li jaqta' (Art 217 Kap 9), allura mhux rinunzjabbli.

Rat ukoll illi l-imputat kien in parti responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fuq il-vettura ta' certu Stephen Conti ghall-ammont ta' €173.17 (Dok SC folio 55);
Issibu hati ghalhekk ukoll ta' tali danni, kif ukoll tal-ksur ta' bon ordni – ghaldaqstant qieghda ssib htija taht l-Artikoli 221, 217, 325, u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Christian Seychell ghal piena karcerjarja ta' sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll ghall-hlas fi

zmien sitt(6) xhur mill-lum ghas-somma ta’ €86.58 lil Stephen Conti (nofs id-danni sofferti fuq il-vettura) u dan wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda taghmel konsegwentement Ordni ta’ Restituzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------